**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Marzu 2008 — Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummisjoni**

**(Kawża T-345/03)** (1)

***("Kuntratti pubbliċi ta' servizzi — Proċedura ta' sejħa għall-offerti Komunitarja — Provvista ta' servizzi relatati ma' l-iżvilupp u l-provvista ta' servizzi ta' sostenn għas-Servizz tar-Riċerka tal-Komunità u l-Iżvilupp ta' l-Informazzjoni (CORDIS) — Rifjut ta' l-offerta ta' offerent — Prinċipji ta' trattament ugwali ta' l-offerenti u ta' trasparenza")***

(2008/C 107/36)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: inizjalment S. Pappas, u wara N. Korogiannakis, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. O'Reilly u L. Parpala, aġenti)

**Suġġett**

Talba tar-rikorrenti għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għoti tal-kuntratt relatat mas-sejħa għall-offerti ENTR/02/55 — CORDIS lot Nru 2, li tirrigwarda l-iżvilupp u l-provvista ta' servizzi ta' sostenn għas-Servizz tar-Riċerka tal-Komunità u l-Iżvilupp ta' l-Informazzjoni (CORDIS).

**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-16 ta' Lulju 2003, dwar l-għoti tal-kuntratt relatat mas-sejħa għall-offerti Nru ENTR/02/055 — CORDIS lot Nru 2, hija annullata.*

2) *Il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż.*

(1) ĠU C 289, 29.11.2003.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Marzu 2008 — Giannini vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-100/04)** (1)

***("Servizz Pubbliku — Kompetizzjoni ġenerali — Nuqqas ta' tqegħid fuq il-lista ta' riżerva — Irregolaritajiet fl-iżvolġiment ta' l-eżamijiet ta' natura li jivvizzjaw ir-riżultat — Trattament ugwali — Rikors għal annullament — Rikors għad-danni")***

(2008/C 107/37)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Massimo Giannini (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: G. Vandersanden u L. Levi, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitjiet Ewropej (rappreżentanti: inizjalment L. Lozano Palacios u M. Velardo, aġenti, wara G. Berscheid, aġent, assistit minn M. Genton, avukat)

**Suġġett**

Minn naħa, talba għal annullament tad-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Għażla tal-kompetizzjoni COM/A/9/01, sabiex tiġi kkostitwita riżerva ta' reklutaġġ ta' amministraturi (A7/A6) fl-oqsma ta' l-ekonomija u l-istatistika (ĠU C 240A, 2001, p. 12), li ma jitqiegħedx ir-rikorrent fil-lista ta' riżerva ta' din il-kompetizzjoni u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll tliet kwarti ta' l-ispejjeż ta' Massimo Giannini.*

3) *Is-Sur Giannini għandu jbati kwart ta' l-ispejjez tiegħu.*

(1) ĠU C 106, 30.4.2004.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Marzu 2008 — Sebirán vs L-UASI — El Coto de Rioja (Coto D'Arcis)**

**(Kawża T-332/04)** (1)

***("Trade mark Komunitarja — Proċedura ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva Coto D'Arcis — Trade marks Komunitarji verbali preċedenti EL COTO u COTO DE IMAZ — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Nuqqas ta' ħsara għar-reputazzjoni — Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 40/94")***

(2008/C 107/38)

*Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Sebirán, SL (Requena, Spanja) (rappreżentanti: A. Calderón Chavero u T. Villate Consonni, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Laporta Insa, aġent)